Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Ġunju 1997

dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità tal-prodotti għall-bini skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fejn għandhom x'jaqsmu prodotti ta' l-inġinerija dwar ilma ta' skart

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(97/464/KE)

(OJ L 198, 25.7.1997, p. 33)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/663/KE, ta' l-20 ta' Settembru 2004	L 302	6	12.10.2005

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Ġunju 1997

dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità tal-prodotti għall-bini skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fejn għandhom x'jaqsmu prodotti ta' l-inġinerija dwar ilma ta' skart

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(97/464/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti għall-bini ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/68/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Billi l-Kummissjoni hija meħtieġa tagħżel, bejn iż-żewġ proċeduri skond l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE biex tattesta l-konformità ta' prodott, "il-proċedura l-inqas oneruża possibbli konsistenti mas-sigurtà"; billi dan ifisser li hu meħtieġ li wieħed jiddeċidi jekk, għal prodott partikolari jew familja ta' prodotti, l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll ta' produzzjoni ta' fabbrika taħt ir-responsabbiltà tal-manifattur hijiex kondizzjoni meħtieġa u suffiċjenti għall-attestazzjoni ta' konformità, jew jekk, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konformità tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), l-intervent ta' korp ċertifikat approvat hijiex meħtieġa għal dak l-iskop;

Billi l-Artikolu 13(4) jeħtieġ li l-proċedura hekk stabbilita għandha tkun indikata fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; billi, għalhekk, huwa mixtieq li jiġi definit il-kunċett ta' prodotti jew familja ta' prodotti kif użati fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniki;

Billi ż-żewġ proċeduri li hemm ipprovdut għalihom fl-Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettal fl-Anness III li jinsab mad-Direttiva 89/106/KEE; billi huwa meħtieġ għalhekk li jiġu speċifikati b'mod ċar il-metodi li permezz tagħhom iż-żewġ proċeduri għandhom ikunu implimentati, b'referenza għall-Anness III, għal kull prodott jew familja ta' prodotti, minħabba li l-Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi;

Filwaqt li l-proċedura msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi stipulati fl-ewwel possibilità, mingħajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u t-tielet possibiliatjiet tal-punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III, u l-proċedura msemmija fil-punt (b) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi għas-sistemi stipulati fil-punt (i) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III, u fl-ewwel possibilità, mas-sorveljanza kontinwa, tal-punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

([1]) ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.
([2]) ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

▼M1

Artikolu 1

1. Il-prodotti mniżżla fl-Anness I se jkollhom il-konformità tagħhom affermata mill-proċeduri mniżżla f'Anness II.

2. Meta l-prodotti msemmija f'paragrafu 1 jkunu suġġetti wkoll għal regolamenti dwar ir-reazzjoni għan-nar, huma għandhom ikollhom il-konformità tagħhom affermata fir-rigward tal-karatteristiċi tar-reazzjoni għan-nar mill-proċeduri mniżżla f'Anness III.

▼B

L-Artikolu 2

Il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità kif stipulata fl-Anness III għandha tiġi indikata fil-mandati għall-istandards armonizzati.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

L-ANNESS I

Prodotti ta' l-inġinerija dwar ilma ta' skart ġewwa l-bini

Strumenti fejn il-kurrent jgħaddi b'lura: Xogħol ta' pajpijiet għall-ventilazzjoni b'valvola biex tidħol l-arja minnha.

Settijiet għal stazzjon għall-ippumpjar ta' ilma ta' skart u impjanti li jerfgħu l-effluwenti.

Prodotti ta' l-inġinerija dwar ilma ta' skart barra l-bini

Settijiet u elementi għal impjanti ta' trattament ta' l-ilma ta' skart u tagħmir ta' trattament fuq il-post.

Tankijiet settiċi.

Kanal ta' dranaġġ prefabbrikat.

Bokkaporti u kmamar ta' spezzjoni.

Għotjien, taraġ tal ħadid, slielem u poġġamani għal ħofor għall-bokkaporti kmamar ta' ispezzjoni, għotjien tal-kanali.

Separaturi.

▼B

L-ANNESS II

GRUPP TA' PRODOTTI

PRODOTTI TA' L-INĠINERIJA DWAR ILMA TA' SKART ĠEWWA L-BINI (1/2)

Sistemi ta'attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu(i) maħsuba elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba biex jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin ta' l-attestazzjoni ta' konformità fli-standard(s) armonizzati rilevanti:

Prodott	Użu maħsub	Livell jew klassi	Attestazzjoni tas-sistema ta' konformità
Strumenti ta' kurrent li jimxi b'lura: xogħol ta' pajpijiet li jħalli l-arja tgħaddi minn valvola għall-ventilazzjoni	Għall-użu ġewwa l-bini		4 (1)

(1) Sistema 4: Ara l-Anness III il-punt 2(ii) li jinsab mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tielet possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata wkoll fejn it-twettieq ma jeħtieġx li jiġi stabbilit għal xi karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma għandu ebda ħtieġa legali affattu għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2.1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, l-klawżola 1.2.3 tad-Dokumenti ta' Interpretazzjoni). F'dawk il-każijiet il-verifika ta' dik il-karatteristika m'għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk hu ma jixtieqx jiddikkjara it-twettiq tal-prodott f'dak ir-rigward.

GRUPP TA' PRODOTTI

PRODOTTI TA' L-ILMA TA' L-INĠINERIJA DWAR ILMA TA' SKART ĠEWWA L-BINI (2/2)

Sistemi ta'attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu/i maħsuba elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin ta' l-attestazzjoni ta' konformità fl-istandard(s) armonizzati relevanti:

Prodott(i)	Użu/i maħsuba	Livell(i) jew klassi(jiet)	Attestazzjoni tas-sistema(i) ta' konformità
Settijiet għal stazzjon ta' l-ippumpjar ta' l-ilma ta' skart u impjanti li jerfgħu l-effluwenti	Għall-użu ġewwa l-bini		3 (1)

(1) Sistema 3: Ara l-Anness III il-punt 2(ii) li jinsab mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tieni possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi mplimentata wkoll fejn it-twettiq ma jeħtieġx li jiġi stabbilit għal xi karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma għandu ebda ħtieġa legali affattu għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2.1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, il-klawżola 1.2.3 tad-Dokumenti ta' Interpretazzjoni). F'dawk il-każijiet il-verifika ta' dik il-karatteristika m'għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk hu ma jixtieqx jiddikkjara it-twettiq tal-prodott f'dak ir-rigward.

▼B

GRUPP TA’ PRODOTTI

PRODOTTI TA’ L-INĠINERIJA DWAR ILMA TA’ SKART BARRA L-BINI (1/3)

Sistemi ta’attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu/i maħsuba elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin ta’ l-attestazzjoni ta’ konformità fl-istandard(s) armonizzati rilevanti:

Prodott(i)	Użu/i maħsuba	Livell(i) jew klassi(jiet)	Attestazzjoni taas-sistemi ta’ konformità
Settijiet u elementi għal impjanti tat-trattament ta’ l-ilma ta’ skart u tagħmir ta’ trattament fuq il-post — Tankijiet settiċi	Li għandhom jintużaw użati barra l-bini, għal ilma tax-xita, efflu-wenti tal-ħmieġ u organiċi		3 ([1])

([1]) Sistema 3: Ara l-Anness III il-punt 2(ii) mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tieni possibiltà

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista’ tiġi implimentata wkoll fejn it-twettieq ma jeħtieġx li jiġi stabbilit għal xi karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma għandu ebda ħtieġa legali affattu għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2.1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, il-klawżola 1.2.3 tad-Dokumenti ta’ Interpretazzjoni). F’dawk il-każijiet il-verifika ta’ dik il-karatteristika m’għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk hu ma jixtieqx jiddikkjara it-twettiq tal-prodott f’dak ir-rigward.

GRUPP TA’ PRODOTTI

PRODOTTI TA’ L-INĠINERIJA DWAR ILMA TA’ SKART BARRA L-BINI (2/3)

Sistemi ta’attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu/i maħsuba elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitlub jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin ta’ l-attestazzjoni ta’ konformità fli-standard(s) armonizzati rilevanti:

Prodott(i)	Użu/i maħsuba	Livell(i) jew klassi(jiet)	Attestazzjoni tas-sistemi ta’ konformità
Kanal prefabbrikat tad-dranaġġ	Li għandu jintuża barra l-bini, għall-ilma ta’ skart minn bini u xogħolijiet ta’ inġine-rija ċivili inklużi t-toroq		3 ([1])

([1]) Sistema 3: Ara l-Anness III il-punt 2(ii) mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tieni possibiltà

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista’ tiġi implimentata wkoll fejn it-twettiq ma jeħtieġx li jiġi stabbilit għal xi karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma għandu ebda ħtieġa legali affattu għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2.1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, il-klawżola 1.2.3 tad-Dokumenti ta’ Interpretazzjoni). F’dawk il-każijiet il-verifika ta’ dik il-karatteristika m’għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk hu ma jixtieqx jiddikkjara it-twettiq tal-prodott f’dak ir-rigward.

▼B

GRUPP TA’ PRODOTTI

PRODOTTI TA’ L-INĠINERIJA DWAR ILMA TA’ SKART BARRA L-BINI (3/3)

Sistemi ta’attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu/i) maħsuba elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin ta’ l-attestazzjoni ta’ konformità fl-istandard(s) armonizzati relevanti:

▼M1

Prodott(i)	Użu(i) maħsub(a)	Livell(i) jew klassi)	Sistema(i) ta' affermazzjoni tal-konformità
Toqob u kmamar ta' l-ispezzjonar. Turġien tal-ħadid, slielem u poġġamani għat-toqob u l-kmamar ta' l-ispezzjonar.	Biex jintużaw fil-karreġġjati, fiż-żoni ta' parkeġġ, fil-medda art għall-emerġenza (*hard shoulders*) u barra 'l bini		4 ([1])
Separaturi	għall-ilma żejjed/ dranaġġ mill-bini u minn xogħlijiet ta' l-inġinerija ċivili inkluż it-toroq		4 ([7])
Għotjien ta' toqob għall-ispezzjonar u għotjien tal-gandotti	Biex jintużaw fiż-żoni għall-vetturi u għall-mixi		1 ([8])

([7]) Sistema 4: Ara Anness III punt 2 (ii) tad-Direttiva 89/106/KEE, it-tielet possibbiltà
([2]) Sistema 1: Ara Anness III punt 2 (i) tad-Direttiva 89/106/KEE.

▼B

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista’ tiġi implimentata wkoll fejn it-twettiq ma jeħtieġx li jiġi stabbilit għal xi karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma għandu ebda ħtieġa legali affattu għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2.1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, il-klawżola 1.2.3 tad-Dokumenti ta’ Interpretazzjoni). F’dawk il-każijiet il-verifika ta’ dik il-karatteristika m’għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk hu ma jixtieqx jiddikkjara it-twettiq tal-prodott f’dak ir-rigward.

▼M1

ANNESS III

FAMILJI TAL-PRODOTTI

Prodotti ta' l-inġinerija ta' l-ilma żejjed ġewwa l-bini

Prodotti ta' l-inġinerija ta' l-ilma żejjed barra l-bini

Sistemi ta' l-affermazzjoni tal-konformità fir-rigward tal-karatteristiċi tar-reazzjoni għan-nar

Għall-prodott(i) u l-użu(i) maħsub(a) elenkat hawn taħt, CEN/Cenelac huwa mitlub li jispeċifika s-sistemi ta' l-affermazzjoni tal-konformità li ġejjin fir-rigward tal-karatteristiċi tar-reazzjoni għan-nar fl-istandard(s) armonizzati rilevanti:

Prodott(i)	Użu(i) maħsub(a)	Livell(i) jew klassi *(Reazzjoni għan-nar)*	Sistema(i) ta' affermazzjoni tal-konformità
Apparati għall-*backflow*: pajpijiet ventilati b'valvoli li jippermettu d-dħul ta' l-arja	Għall-użi kollha meta jkunu suġġetti għar-regolamenti dwar ir-reazzjoni għan-nar	A1 (*), A2 (*), B (*), C (*)	1
Tagħmir għall-stazzjoni ta' l-ippompjar ta' l-ilma żejjed u impjanti li jtellgħu d-dranaġġ		A1 (**), A2 (**), B (**), C (**), D, E	3
Tagħmir u elementi għal impjanti għat-trattament ta' l-ilma żejjed u apparat għal trattament fuq il-post — Tankijiet settiċi		(A1 to E) (***), F	4
Kanal tad-dranaġġ prefabbrikat			
Toqob u kmamar ta' l-ispezzjonar.			
Taraġ tal-ħadid, slielem, poġġamani għat-toqob u l-kmamar ta' l-ispezzjonar.			
Separaturi			
Għotjien ta' toqob għall-ispezzjonar u għotjien tal-gandotti			

Sistema 1: Ara Anness III. 2.(i),tad-Direttiva89/106/KEE mingħajr ittestjar għall-verifika talkampjuni

Sistema 3: Ara Anness III. 2.(ii) tad-Direttiva 89/106/KEE, it-tieni possibbiltà

Sistema 4: Ara Anness III.2.(ii) tad-Direttiva 89/106/KEE, it-tielet possibbiltà

(*) Prodotti/materjali li għalihom stadju identifikabbli b'mod ċar fil-proċess tal-produzzjoni jirriżulta f'titjib tal-klassifikazzjoni tar-reazzjoni għan-nar (eż. żieda ta' oġġetti li jżommu lura n-nar jew limitazzjoni ta' materjal organiku)

(**) Prodotti/materjali mhux koperti minn nota f'qiegħ il-paġna (*).

(***) Prodotti/materjali li ma jeħtiġux li jiġu ttestjati għar-reazzjoni għan-nar (eż. Prodotti/materjali tal-klassi A1 skond id-Deċiżjoni 96/603/KE, kif emendata).

L-ispeċifikazzjoni tas-sistema għandha tkun b'tali mod li tkun tista' tiġi implimentata anke meta ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-eżekuzzjoni tkun determinata għal ċertu karatteristika, peress li mill-inqas Stat Membru wieħed ma jkollux lanqas rekwiżit legali wieħed għal din il-karatteristika (ara Artikolu 2.1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn xieraq, il-klawżola 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każi il-verifika ta' dawn il-karatteristiċi m'għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk hu ma jkunx jixtieq jiddikjara l-eżekuzzjoni talprodott f'dak ir-rigward.